# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR)

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 3/00 MF**

**Carmen Bonello**

**vs**

**Mousu' Travel Services Ltd.**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi moghtija fl-1 ta' Awissu, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2000, fejn ir-rikorrenti talbet refund ta' mija u sebgha u erbghin Lira Maltin (LM147) rapprezentanti danni peress illi rreklama vaganza ghal xiri u ghal tlett ijiem il-hwienet kienu maghluqin.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huma l-istess intimat, u Rose Roberts u Selcuk Kucukkaga u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-rikorrenti marru fuq tour organizzat mid-ditta ntimata u wahda mir-ragunijiet li ghazlu dan it-tour hi li l-intimat tahom x'jifhem li kellha tkun vaganza ghax-xiri. Fil-fatt irrizulta li ghal tlett ijiem shah kien hemm xi festi u hafna mill-hwienet kienu maghluqin.

2. L-intimat issottometta illi r-rikorrenti marru fuq it-Tours kollha u kienu ftit hwienet li kienu maghluqin.

3. It-Tribunal ihoss illi fil-programm kien hemm indikat illi hemm granet ghal xiri ghalkemm ma kienx l-ghan ewlieni tat-Tour pero' dan kien jikkonsisti f'parti mit-Tour.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' hmistax-il Lira Maltin (LM15) bl-ispejjez kontra l-istess intimat".

MInn l-istess sentenza appellat Mousu' Travel Services Ltd. permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fil-21 ta' Awissu, 2000, fejn talab ir-revoka tas-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa illi t-Tribunal iddecieda kontra r-regoli tal-gustizzja naturali b'mod partikolari l-"audi alteram partem" u dan ippregudika serjament id-drittijiet tieghu.

Huwa jispjega illi l-intimat li kien gie mharrek, u cioe' Mousu' Travel Services, kien irrisponda li mhux il-legittimu kontradittur peress li kienet is-socjeta' Mousu' Travels Limited li organizzat it-tour in kwistjoni. Is-Socjeta' Mousu' Travel Services Limited qatt ma kienet parti in kawza u konsegwentement ma ressqitx il-provi taghha. Gara' pero li, b'xi mod mhux maghruf u lanqas jirrizulta mid-decizjoni appellata, fid-decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur kien hemm bdil ta' l-intimat peress illi d-decizjoni inghatat kontra persuna differenti minn dik originarjament imharrka u flok id-decizjoni nghatat kontra Mousu' Travel, fir-realta' inghatat kontra s-socjeta' appellata. Is-socjeta' appellata la giet notifikata bl-Avviz, la nghatat l-opportunita' li tressaq il-provi taghha li kienu jwasslu ghall-prova li t-"tour" in kwistjoni sar kif reklamat u kif programmat, u li f'dan it-tour min ried jixtri xtara li ried, u kien hemm "excess luggage" u kellha tingieb "coach" ohra, oltre dawk it-tnejn ordnati originarjament. Minkejja dan, is-socjeta' intimata spiccat kundannata xorta wahda bi ksur evidenti tal-principju tal-gustizzja naturali "audi alteram partem".

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u hi tal-fehma li l-appellant qieghed jipprova ifettaq u jiehu vantagg indebitu minn dokument wiehed fejn jidher illi flok Mousu' Travel Services Limited tnizzel Moussu' Travels. Mill-kumplament ta' l-atti processwali, pero', ma jidhirx li hija korretta s-sottomissjoni li speci sar xi haga minn taht fl-ahhar mument

biex tbiddel kollox u nghatat sentenza kontra Mousu' Travel Services Limited meta din ma kienetx parti fil-kawza. Jidher li d-dokumenti kollha li kien hemm, inkluz l-avviz ghas-smiegh, hareg kontra Mousu' Travel Services Limited, u kif inghad, huwa evidenti illi l-appellant qed jipprova japprofitta ruhu minn zball zghir li fil-fehma ta' din il-Qorti mhux serju bizzejjed biex jiggustifika li jigu annullati l-atti.

M'hemmx anqas xi indikazzjoni ohra li gie vjolat xi principju tal-gustizzja naturali, fis-sens illi s-sottomissjoni ta' l-appellant li m'huwiex il-legittimu kontradittur kienet quddiem it-Tribunal fi kwalunkwe kaz u jidher li s-Sur Mousu' li wara kollox huwa l-persuna illi lmenta li m'huwiex il-legittimu kontradittur, u li fi kwalunkwe kaz ghandu x'jaqsam ma' Mousu' Travel Services Limited, kif xehed hu stess, gie mismugh ukoll mit-Tribunal qabel inghatat id-decizjoni appellata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.

Dep/Reg

mm